**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Amanda Camilleri**

Kumpilazzjoni Numru: 277/2013

Illum 1 ta' Gunju, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Amanda Camilleri ta' 27 sena bint Victor u Concetta nee' Caruana, imwielda l-Pieta' nhar it-3 ta' Gunju 1985, residenti Block 14, Bieb 1, Flat 15, Trejqet il-Ward, Santa Lucija u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 302185(M):

1. Talli nhar il-20 ta' Marzu 2013 ghall-habta tat-19:30 ta' filghaxija gewwa l-Marsa gewwa Triq il-Biccerija kisret il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D.) b'digriet datat 23 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu hija nghatat l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li tirrinkaza ruhha kuljem bejn 18:00 ta' filghaxija u s-8:00 ta' filghodu;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC817 Gareth D'Amato, u ufficjali ohra tal-pulizija, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta'

ordni moghti skont il-ligi, bi ksur ta' l-artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ngurjajt bil-kliem lil PC 817 Gareth D'Amato, WPC 306 Claire Borg u PC 1500 Alfred Cutajar, persuni nkarigati mil-ligi u minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqset li tobdi ordni legittima moghtija lilha mill-pulizija, persuni nkarigati mil-ligi u minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu l-qadi ta' dmirijithom;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kisret l-paci pubblika u l-bon-ordni b'ghajjat u glied;

6. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qalet kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, bi ksur ta' l-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali;

7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi akkuzata tallli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin, u cirkustanzi f'xi triq, jew post pubbliku, jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali ohra;

8. akkuzata ukoll talli bejn Jannar 2011 u t-22 ta' Marzu 2013 f'dawn il-gzejjer, naqset milli tirrapporta lill-ufficjal awtorizzat minghajr dewmien, li xi wahda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta ta' l-identita' taghha u cioe' l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif preskritt f'artikolu 5(2)(b) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta, ma baqghetx aktar korretta u kif ukoll naqas li jaghti dak it-taghrif kollu mehtieg u dan bi ksur ta' artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita', Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmija Amanda Camilleri. Kif ukoll tordna li s-somma ta' Euro 3,000 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

F'kaz ta' htija ta' imputazzjoni numru 8, il-Qorti hija mitluba tordna lill-imputata Amanda Camilleri thallas €11.65 ghal kull gurnata li matulha jitkompla r-reat u dank if mahsub f'artikolu 14(1) ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita', Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(a) Fl-artikolu 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 338(ee), (dd), u (bb) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 54(2)(b), 19 u 24 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(g) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputata ma kellhix oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputata fis-seduta tallum ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u wara li nghatat zmien biex tikkunsidra l-posizzjoni taghha kkonfermat l-ammissjoni taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-Ufficjal Prosekutur irtira l-ewwel u t-tmien imputazzjonijiet ghar-ragunijiet indikati fil-verbal tas-seduta tallum.

Illi l-imputat ammettiet l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti tqis in-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fatt li l-imputata bhalissa qeghda ssegwi program residenzjali biex teghleb il-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel u t-tmien imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 17, 31, 95, 96(a) 338(ee), (dd), u (bb) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal hames (5) xhur priguneríja li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sena millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba ghar-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest imsemmi u ghall-konfiska tal-garanzija personali.

Tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' l-esperti billi ma jirrziultaz li kien hemm tali hlas.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat